**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 51**

**IL-HAMIS 8 TA' JANNAR 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier A. Chetcuti u M. Fava kienu skuzati minhabba impenji mportanti li ma setghux jkunu evitati.

**Is-Sindku qal it-talba. Waqt din it-talba, is-Sindku flimkien mal-Kunsill urew solidarjeta mal-familjari ta' Sur M. Meilak, tas-Sinj. F. Barbara u l-vittma kollha ta' l-attaki terroristici li sehhu f' Parigi.**

## I APPROVZZJONI TA' MINUTI

Il-Minuti tas- Seduta Nru.50 ġew approvati hekk kif ġew emmendati. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

Is- Sindku talab sabiex issir sospenzjoni tal-laqgha peress li żewġ residenti li kienu preżenti għal din il-laqgħa xtaqu jagħmlu l-intervent tagħhom. Il-Kunsillier P. Fenech issekonda. Il-ħin kien il-5:20pm.

*Ir-residenti preżenti qalu l-opinjoni tagħhom dwar il-miżura tat-traffiku (one-way) li saret riċentament fi Triq l-Ibraġ li qed issoffru nkonvenjenza kbira minnħabba din il-miżura. Għaldaqstant huma rrakomandaw li din tibqa' one-way sal-propjeta' ta' Sur Falzon (cul de sac). Is- Sindku irringrazzjhom talli resqu biex jagħtu l-opinjoni tagħhom u infurmahom li din il-materja se tiġi diskussa iktar 'il quddiem u se tinkiteb ittra lit-TM sabiex issir laqgha maghom fuq is-sit inkwistjoni.*

Il-laqgħa reġgħet bdiet fis-5:45pm.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier A. Curmi staqsa jekk sarx l-appuntament ma' l-uffiċċjali tal-Pulizija dwar il-ħinijiet tal-ftuħ ta' l-Għassa tas-Swieqi. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li dan l-appuntament u din il-materja fost materji ohra giet diskussa. Huwa nforma wkoll li f'din il-laqgha giet diskussa wkoll il-problema ta'vetturi b' registrazzjoni barranijja li dawn qed jabbuzaw mill-parkegg fil-lokalita'.

2. Il-Kunsillier A. Curmi staqsa wkoll jekk il-Perit tal-Kunsill giex jiddentifika post addatt għall-panelli. Is- Segretraju Eżekuttiv nforma li l-Perit ġej għada fit-8am.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

2. Is-Sindlku rrefera għas-servizz ta' handyman peress li sa llum, il-Kunsill għadu ma ngħatax ħaddiem ieħor mill-iskema ta' l-ETC u li skond l-aħħar informazzjoni li akkwista s-Segretarju Eżekuttiv, din l-iskema twaqqfet u għalhekk issa se jkun ftit aktar diffiċli sabiex dan il-Kunsill jkollu ħaddiem manwali. Hu nforma wkoll li dan il-Kunsill ma jistax jgħaddi minn dan is-servizz minħabba li l-bżonnijiet ta' din il-lokalita' qegħdin dejjem jiżdiedu. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz li għandu jingħata lill-Kunsill għal 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-Viċi Sindku ssekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti. Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mal-Vici Sindku hadu l-inkarigu li johorgu din is-sejha.

HUGH ZAMMIT — NOEL MUSCAT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV — SINDKU

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa sabiex issir motorcyle bay fi Triq l-Ilqugh hekk kif diveri residenti mill-istess triq irrikomandaw. Huwa ppropona wkoll sabiex tiżdied parking bay fi Triq l-Ibraġ. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li hekk kif jkun hawn il-kuntrattur ikkonċernat minn dawn ix-xogħlijiet fil-lokalita' se jinfurmah b' dawn ir-rikjesti.

2. Huwa nforma wkoll li l-junction box li hemm fi Triq S. Cannataci, għandha bżonn tiġi rrifreskata. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jinforma lill-kuntrattur.

3. Huwa rrefera għall-garanzija bankarja li diversi l-kuntratturi jitolbu lill-Kunsill biex jagħmel referenza lill-MEPA sabiex din tiġi irellaxata wara li jsiru x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li hu jiffirma din il-garanzija biss meta jkunu lesti l-aperturi u l-madum ta' geewa. Il-Kunsillier R. Rossignaud ppropona biex din tiġi rrilaxxata biss hekk kif l-istess kuntratturi jippreżentaw kopja tal-Compliance Certificate lill-Kunsill. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Rigward is-sejħa ta' l-offerta għall-iżvillup ta' Tennis Court, il-Kunsill iddiskuta r-rapport li prepara l-Perit tal-Kunsill. Dan l-istess rapport gie diskuss mill-membri tal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni. Wara diksuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tal-Perit li jintgħażel l-unika kunttratur li ssottometta l-offerta tiegħu. Il-Kunsillier P. Fenech ipporpona u l-Kunsillier M. Abela issekondat. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jaghmel kuntatt ma' dan il-kuntrattur u mal-Perit tal-Kunsill sabiex dawn jikkomunikaw bejniethom dwar ix-xoghlijiet.

5. B' referenza għas-sejħa ta' l-offerta tal-Maltapost plc, il-Viċi Sindku nforma li l-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni pprepara rapport. Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u ghalhekk il-Kunsill qabel ma' rekomandazzjoni tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni u mill-aktar fis tinhareg l-Letter of Acceptance. Is-Sindku ppropona li għandu jiġi ffirmat ftehim bejn iż-żewġ naħat kkoncernati sabiex dan is-servizz jibda' jingħata lir-residenti. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

6. Il-Viċi Sindku rrefera għall-kors li semma fis-Seduta preċidenti tal-Mother & Baby Music Club; huwa nforma li l-organizzatur ta' dan il-kors issuġerixxa li kull sezzjoni tkun tiswa' €10. L-istess organizztur jista' joffri wkoll kors ieħor li jkun imirat għat-tfal qabel ma jibdew is-sena tal-kindergarten. Wra diskuzzjoni, ġie deċiż li ssir laqgħa ma' dan l-organizzatur għal iktar dettalji. Il-Vici Sindku ha l-inkarigu li jaghmel din il-laqgha.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Viċi Sindku- ikompli

7. Huwa nforma li diveri residenti talbu sabiex jkun hemm aktar postijiet vakanati għall-lezzjonijiet tal-Malti għall-barranin li jsiru fil-lokalita'. Għaldaqstant huwa ssuġerixxa sabiex tiżdied klassi oħra u ghalhekk se jikkomunika mal-persuna kkoncernata.

8. Rigward il-ħarġa li jmiss tal-magazine, huwa nforma li din mistennija li tigi mqassma f'Marzu u għalhekk jkun jaqbel jekk kulħadd jiprepara r-rapport tiegħu.

Il-Kunsillier R. Rossignaud talab sabiex jkun skużat. Il-ħin kien 8:15pm.

Milll-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier rrefera għall-attivita tal-Milied, fejn informa li l-korijiet li pparteċipaw offrew spettaklu għal kull min attenda meta tqis ukoll li dawn ġew volontarjament. Huwa nforma wkoll li ħa ħsieb li din l-attivita' tkun rrekordjata. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier ghall-isforzi li ghamel sabiex titella' din l-attivita'.

**V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.83 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App B), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati minn barra dawk li ghad irridu jsiru xi kjarifikazzjonijiet.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Ezekuttiv rrefera dwar il-kont pendenti ta' €45,000.00 dovut lill-Perit Camilleri b'sentenza tal-Qorti. Huwa staqsa lis-Sindku meta se jigi deciz li jithallas dan il-kont. Is-Sindku nforma li hu ghaddej b'tahdiet mal-persuni kkoncernati sabiex jipprova inaqqas dan il-kont. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla nforma li din id-decizjoni hemm bzonn ttiehed mill-aktar fis peress li jista jkun li dan il-kont qed ikompli jizdied bl-intressi. Is- Sindku nforma li bhal ma diga qal, diga saru kuntatti u bdew it-tahditet. Is- Sindku nforma li dal-waqt se titiehed din id-decizjoni.

2. Is- Segretarju Ezekuttiv pprezenta rapport mahrug mill-Perit tal-Kunsill dwar bankina li garbbet hsarat minhabba gheruq tas-sigra (mizrugha fil-priovat) fi Triq il-Moletta. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill idecieda li ghall-ewwel ghandu jsir kuntatt mas-sid tas-sigra biex jirranga l-hsarat jekk dan ma jikkoperax allura dan il-kaz jghaddi lill-Pulizija.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.35pm u sar aġġornament għal
nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**